



KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.6.2011
KUMM(2011) 344 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZZJONALITÀ

(it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2010)

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZZJONALITÀ

(it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2010)

1. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-tmintax-il rapport annwali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE. Skont il-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji (minn issa 'l quddiem 'il-Protokoll') anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni għandha tressaq dan ir-rapport kull sena lill-Kunsill Ewropew, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Parlamenti nazzjonali¹.

Ir-rapport jagħti ħarsa lejn il-mod dwar kif il-prinċipji qegħdin jiġu implimentati minn istituzzjonijiet differenti – il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat tar-Regġuni, - u jippreżenta f'aktar dettall ċerti inizjattivi li qajmu kwistjonijiet ta' sussidjarjetà. Huwa jeżamina wkoll kif ġie implimentat il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà tal-Parlamenti nazzjonali, li kien wieħed mill-innovazzjonijiet introdotti mit-Trattat ta' Lisbona².

2. IL-PRINĊIPJI TAS-SUSSIDJARJETÀ U TAL-PROPORIZZJONALITÀ

Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità huma inklużi fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

Is-sussidjarjetà hija prinċipju ta' gwida li permezz tiegħu tiġi definita l-linja li tissepara r-responsabbiltajiet ta' Stat Membru minn dawk tal-UE - jiġifieri, *min għandu jaġixxi?* Jekk l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva f'qasam partikolari³, huwa ċar li hija l-Unjoni li għandha taġixxi. Jekk l-Unjoni u l-Istati Membri jaqsmu l-kompetenza bejniethom⁴, il-prinċipju jistabbilixxi preżunzjoni favur l-Istati Membri li jieħdu azzjoni. L-Unjoni għandha taġixxi biss jekk l-Istati Membri ma jistgħux jiksbu l-għanijiet b'mod suffiċjenti u jekk l-Unjoni tkun tista' tikkontribwiri minħabba d-dimensjonijiet jew l-effetti.

¹ Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti (COM(2010) 543) ġew indirizzati kwistjonijiet usa' dwar regolamentazzjoni intelliġenti .

² It-Trattat ta' Lisbona daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2009.

³ Skont l-Artikolu 3 tat-TFUE dawn l-oqsma huma l-unjoni doganali, ir-regoli tal-kompetizzjoni neċessarji għall-funzjonament tas-suq intern, il-politika monetarja taż-żona tal-euro, il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi, u l-politika kummerċjali komuni.

⁴ Skont l-Artikolu 4 tat-TFUE dawn l-oqsma huma s-suq intern, il-politika soċjali, il-koeżjoni, l-agrikoltura u sajd, l-ambjent, il-protezzjoni tal-konsumatur, it-trasport, in-netwerks transEwropej, l-enerġija, il-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u ċerti kwistjonijiet tas-saħħa pubblika.

Il-proporzjonalità hija prinċipju ta' gwida sabiex jiġi ddefinit kif l-Unjoni għandha teżerċita l-kompetenzi tagħha, sew b'mod esklużiv kif ukoll b'mod kondiviż – *x'għandha tkun il-forma u n-natura tal-azzjoni tal-UE?* It-TUE jipprova li l-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li jkun neċessarju sabiex jinkisbu l-għanijiet tat-Trattati. Kwalunkwe deċiżjoni trid tkun favur l-għażla l-anqas restrittiva.

3. APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI MILL-ISTITUZZJONIJIET

Id-deċiżjonijiet dwar jekk għandhiex tiġi proposta azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà) u, jekk dan isir, il-firxa tal-azzjoni (proporzjonalità) huma fundamentali għar-regolamentazzjoni inteliġenti¹. Il-livell xieraq tal-azzjoni xi drabi jōhroġ bħala parti mill-mod kif tkun imfassla l-politika u l-proċess leġislattiv interistituzzjonali.

Huwa ta' importanza imperattiva li l-argumenti dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jsiru b'mod **trasparenti**, għax dan jippermetti lill-atturi differenti sabiex jirriflettu b'mod kostruttiv dwar il-validità tal-pożizzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, indipendentament minn fejn toriġina l-inizjattiva, l-abbozz ta' att leġislattiv għandu jinkludi 'dikjarazzjoni' dettaljata li tagħmilha possibbli għall-atturi l-oħrajn biex jivvalutaw il-konformità mal-prinċipju. Skont il-Protokoll, din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi xi valutazzjoni tal-impatt finanzjarju tal-proposta, tqis il-piżijiet finanzjarji jew amministrattivi, u fil-każ ta' direttivi, issemmi kwalunkwe implikazzjonijiet għar-regoli nazzjonali u reġjonali. Il-konklużjonijiet għandhom jiġu ġġustifikati b'indikaturi kwalitattivi u, fejn ikun possibbli, kwantitattivi.

Is-sussidjarjetà **ma tistax tiġi vvalidata faċilment** bi kriterji operazzjonali. Il-Protokoll, *kif rivedut mit-Trattat ta' Lisbona, m'għadux isemmi testijiet ta' konformità, bħal 'neċessità' u 'valur miżjud tal-UE'*. Minflok iddirezżjona l-metodu ta' applikazzjoni lejn l-aspetti proċedurali li jiżguraw li l-atturi ewlenin kollha jkunu jistgħu jgħidu l-opinjoni tagħhom. Il-Kummissjoni kompliet tuża t-testijiet tan-'neċessità' u l-'valur miżjud tal-UE' bħala parti mill-qafas analitiku tagħha u tirrakkomanda lill-atturi l-oħrajn sabiex jagħmlu l-istess.

Huwa importanti **għudizzju politiku għust fil-fażi preleġislattiva** sabiex jiġi żgurat li l-proposti japplikaw kwistjonijiet tas-sussidjarjetà b'mod tajjeb mill-bidu nett. Fl-istadju postleġislattiv, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tintalab sabiex tivverifika l-legalità tal-leġislazzjoni adottata. Il-Qorti s'issa għadha ma annullat l-ebda miżura minħabba ksur tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

3.1. Il-Kummissjoni

Il-Kummissjoni, bħala l-awtur ewlieni tal-proposti leġislattivi skont id-dritt tagħha ta' inizjattiva, għandha tiżgura li jsiru l-għażliet it-tajba, dwar jekk issirx proposta ta' azzjoni Ewropea u kif għandha ssir, fi stadju bikri tal-iżvilupp ta' politika.

Il-Kummissjoni tippubblika pjanijiet direzzjonali⁵ għall-inizjattivi ewlenin kollha. Il-pjanijiet direzzjonali jiddeskrivu l-intenzjonijiet tal-Kummissjoni, inkluża għustifikazzjoni inizjali rigward is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Dawn l-ideat jiġu vverifikati aktar tard matul ħidma ta' konsultazzjoni tal-partijiet interessati u dwar il-valutazzjoni tal-impatt (VI). Id-dikjarazzjoni ta' sussidjarjetà għal kull proposta leġiżlattiva hija ppreżentata fil-memorandum ta' spjegazzjoni u mfakkar fil-premessi tal-proposta. Il-valutazzjonijiet tal-impatt, li jakkumpanjaw il-proposti b'impatti sinifikanti, jagħtu l-analiżi l-aktar dettaljata tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-kwalità ta' din l-analiżi hija eżaminata bir-reqqa mill-Bord tal-VI.

Fl-2010, il-**Bord** ikkumenta fuq kwistjonijiet tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità f'aktar minn nofs il-każijiet li eżamina⁶, u identifika tliet oqsma ewlenin li għandhom bżonn titjib:

- Il-bżonn ta' aktar **evidenza qawwija tal-valur miżjud tal-UE**. Pereżempju, għall-inizjattiva tad-*Dimensjoni Ewropea fl-Ispport*⁷, il-**Bord** kien imħasseb dwar il-bażi ta' evidenza limitata għal programm ppjanat ta' finanzjament. Bl-istess mod, il-Bord qajjem dubji dwar il-valur miżjud tal-miżuri fil-livell tal-UE dwar l-idea ta' tikketta għal prodott tal-muntanja (li inizjalment kienet inkluża fil-*Pakkett dwar il-Kwalità tal-Prodotti Agrikoli*⁸). Fiż-żewġ każijiet is-servizzi rilevanti ddeċidew li jwettqu aktar analiżi qabel ma jipproponu azzjoni tal-UE.
- Il-bżonn ta' **analiżi bir-reqqa tas-sussidjarjetà għal inizjattivi li jestendu l-ambitu tal-intervent tal-UE**. Dan kien il-każ għal bosta inizjattivi adottati wara l-kriżi finanzjarja – emendi lid-Direttivi dwar l-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti⁹ u l-Iskemi ta' Kumpens għall-Investitur¹⁰, inizjattiva dwar il-Bejgħ bin-Nieqes u s-Swaps ta' Inadempjenza tal-Kreditu¹¹, u l-White Paper dwar Skemi ta' Garanzija tal-Assigurazzjoni¹².
- Il-Bord qajjem dubji dwar il-**livell ippreferut ta' armonizzazzjoni** f'bosta okkażjonijiet, minħabba d-differenzi fis-sitwazzjonijiet nazzjonali. Dan kien il-każ tal-emendi lir-Regolament dwar is-Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali¹³ u Regolament propost dwar Kwistjonijiet tal-Effetti Patrimonjali ta' Sħubijiet Reġistrati¹⁴.

3.2. Parlamenti nazzjonali

Il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà li ġie introdott mit-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali, li jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom dwar jekk abbozzi ta' proposti leġiżlattivi jikkonformawx mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Fuq il-bażi tan-numru ta' opinjonijiet motivati li jikkonkludu li proposta tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà it-Trattat

⁵ L-aċċess għall-pjanijiet direzzjonali huwa permezz tal-Websajt tal-Kummissjoni dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt (VI): http://ec.europa.eu/governance/impact/index_en.htm.

⁶ http://ec.europa.eu/governance/impact/key_docs/docs/sec_2011_126_en.pdf.

⁷ COM(2011) 12, minn issa 'l quddiem l-aċċess għall-VI u l-opinjonijiet tal-Bord tal-VI huwa permezz tal-Websajt tal-Kummissjoni dwar il-VI:

http://ec.europa.eu/governance/impact/ia_carried_out/cia_2011_en.htm.

⁸ COM(2010) 733.

⁹ COM(2010) 368.

¹⁰ COM(2010) 371.

¹¹ COM(2010) 482.

¹² COM(2010) 370.

¹³ COM(2010) 748 (riformulazzjoni).

¹⁴ COM(2011) 127.

jipprovdni għal żewġ mekkaniżmi – l-hekk imsejħa ‘karta safra’ u ‘karta oranġjo’¹⁵. Iż-żewġ mekkaniżmi jeħtieġu reviżjoni tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni u jistgħu jwasslu għall-emenda jew l-irtirar tal-proposta.

Mill-2006 l-Kummissjoni, fi ħdan il-qafas tad-djalogu politiku¹⁶, bdiet tibgħat il-proposti l-ġodda kollha lill-Parlamenti nazzjonali, u twieġeb għall-opinjoni tagħhom¹⁷. Mill-1 ta' Diċembru 2009, dan il-qafas qed jintuża b'mod parallel mal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà. Sat-tmiem tal-2010, il-Kummissjoni kienet bagħtet 82 abbozz ta' proposti leġiżlattivi li jaqgħu fl-ambitu tal-Protokoll u rċeviet 211-il opinjoni. Filwaqt li bosta mill-opinjoni ikkonċentraw fuq il-kontenut tal-proposta, kien hemm 34 opinjoni li qajmu tħassib dwar is-sussidjarjetà. Għal ħames proposti leġiżlattivi l-Kummissjoni rċeviet aktar minn opinjoni motivata waħda¹⁸, iżda f'dawn il-każijiet kollha l-limitu għal ‘karta safra’ kien għadu 'l bogħod milli jintlaħaq.

Xi tweġibiet mill-Parlamenti nazzjonali enfasizzaw ukoll l-insuffiċjenza jew in-nuqqas ta' ġustifikazzjoni rigward is-sussidjarjetà f'numru ta' proposti tal-Kummissjoni. Dan deher li kien b'mod partikolari l-każ għal proposti ta' emendi minuri għal leġiżlazzjoni eżistenti. Il-Kummissjoni se tiegħu miżuri sabiex tiżgura ġustifikazzjoni xierqa dwar is-sussidjarjetà f'memoranda ta' spjegazzjoni tal-proposti leġiżlattivi kollha, inklużi, pereżempju, billi tfakkar u tikkonferma mill-ġdid l-analiżi dwar is-sussidjarjetà li saret fil-passat.

3.3. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Il-leġiżlaturi – il-Parlament Ewropew u l-Kunsill – jaġixxu fl-istadju finali tal-fażi preleġiżlattiva. Huma jridu jivvalidaw il-konformità tal-proposta mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità, u jaqgħu ġustifikazzjoni rilevanti jekk xi emenda li huma jaqgħmlu taffetwa l-ambitu tal-azzjoni tal-Unjoni¹⁹.

Fil-Kunsill, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ta' kull Stat Membru (Coreper) jiżgura li l-prinċipji huma rispettati²⁰. Fil-Parlament Ewropew, il-konformità hija vverifikata mill-kumitati inkarigati mid-dossiers leġiżlattivi speċifiċi, flimkien mal-Kumitat għall-Affarijiet Legali.

¹⁵ Ara wkoll l-Artikolu 7 tal-Protokoll.

¹⁶ COM(2006) 211. Ara wkoll ir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2010 dwar ir-Relazzjonijiet mal-Parlamenti nazzjonali.

¹⁷ Ara wkoll http://ec.europa.eu/dgs/secretariat_general/relations/relations_other/npo/index_mt.htm.

¹⁸ Ara wkoll l-Anness, aktar dettalji permezz tal-IPEX (websajt dedikata għall-iskambju interparlamentari): <http://www.ipex.eu/ipex/>.

¹⁹ Ara l-Ftehim Interistituzzjonali dwar is-sussidjarjetà (ĠU C 329, 6.12.1993, p. 132).

²⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE, ĠU L 325, 11.12.2009, p. 35.

Kemm il-Kunsill u l-Parlament Ewropew stabbilixxew il-proċeduri propji tagħhom sabiex jimplementaw il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà. Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament ġew emendati sabiex jiġi żgurat li l-opinjoni jiet raġunati tal-Parlamenti nazzjonali jitqiesu fid-diskussjonijiet parlamentari²¹. Il-Kunsill żgura li l-Parlamenti nazzjonali ġew ikkonsultati fir-rigward tal-inizjattivi li oriġinaw minn grupp ta' Stati Membri²².

3.4. Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni jesprimi l-opinjoni jiet tiegħu jew meta jiġi kkonsultat jew meta jagħti opinjoni jiet fuq inizjattiva proprja. It-Trattat ta' Lisbona jagħti s-setgħa lill-Kumitat sabiex jikkontesta *ex post* il-validità ta' leġislazzjoni li tista' tikser il-prinċipju tas-sussidjarjetà, iżda f'dawk l-oqsma biss fejn il-Kumitat għandu jiġi kkonsultat. Mill-2010 l-Kumitat adatta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu²³ sabiex l-opinjoni jiet kollha tiegħu jkunu jinkludu referenza espliċita għall-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

Sa tmiem is-sena 2010 n-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà (NMS) tal-Kumitat kien jinkludi 113-il msieħeb reġjonali. Fl-2010 n-NMS mexxa ħames konsultazzjoni jiet immirati. Huwa ta wkoll bidu għall-ewwel Pjan ta' Azzjoni sabiex jiġu identifikati l-aħjar Prattiki fl-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fir-reġjuni u fl-ibliet tal-Ewropa. Barra minn hekk, il-Kumitat qiegħed jippjana li jiżviluppa ulterjorment l-funzjonalità tan-NMS sabiex jagħti appoġġ lill-parteċipazzjoni tal-parlamenti reġjonali fil-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà.

Il-Kumitat hareġ l-ewwel Rapport Annwali tiegħu dwar is-Sussidjarjetà²⁴.

3.5. Il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 263 tat-TFUE, hija kompetenti sabiex tirrevedi l-legalità tal-atti leġislattivi, fir-rigward tal-konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Il-Protokoll jiddikjara b'mod partikolari li l-Kumitat tar-Reġjuni jew l-Istati Membri jistgħu, jew huma nfushom jew f'isem il-Parlamenti nazzjonali tagħhom, iressqu kawża quddiem il-Qorti.

Apparti mid-deċiżjoni dwar ir-Regolament dwar ir-Roaming²⁵, li diġà ġiet koperta fir-rapport tal-2009, ma hemm l-ebda ġurisprudenza ġdida li għandha tiġi nnutata.

²¹ Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, <http://www.europarl.europa.eu/sides/getLastRules.do?language=MT&reference=TOC>

²² Fl-2010: Id-Direttiva dwar id-drittijiet għall-interpretazzjoni u t-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali (2010/0801 (COD)), id-Direttiva dwar l-Ordni ta' Protezzjoni Ewropea (2010/0802 (COD)) u d-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (2010/0817 (COD)).

²³ ĠU L 6, 9.1.2010, p. 14.

²⁴ <http://portal.cor.europa.eu/subsidiarity/news/Pages/CoRSubsidiarityAnnualReport2010.aspx>.

²⁵ Kawża C-58/8 *Vodafone Ltd, Telefónica O2 Europe plc, T-Mobile International AG, Orange Personal Communications Services Ltd vs is-Segretarju tal-Istat għan-Negozju, l-Intrapriża u r-Riforma Regulatorja* dwar ir-Regolament tal-KE Nru 717/2007.

4. KAŻIJET EWLWNIN FEJN TQAJJEM TĦASSIB DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZJONALITÀ

Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejn il-proposti tal-Kummissjoni li qajmu l-aktar diskussjoni fost il-leġiżlaturi u l-partijiet interessati fir-rigward tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

4.1. Segwitu tal-każijiet imsemmija f'rapporti preċedenti

Għal xi wħud mill-każijiet imsemmija f'rapporti preċedenti, bħad-*Direttivi dwar l-Imposti tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni*²⁶, *il-Protezzjoni tal-Ħamrija*²⁷, *it-Trattament Ugwali barra mill-Impjeg*²⁸ u *d-Drittijiet tal-Konsumatur*²⁹, ma kien hemm l-ebda żviluppi sinifikanti fil-proċeduri leġiżlattivi li hemm għaddejnin.

Dwar is-suġġett *tad-Drittijiet tal-Pazjenti fil-Kura tas-Saħħa Transkonfinali*³⁰, imsemmi fir-rapport tal-2009, intlaħaq ftehim fit-tieni qari wara negozjati twal fil-bidu tal-2011. Matul il-proċedura kollha t-tħassib ewlieni kien il-bilanċ delikat li għandu jinstab bejn l-irrispettar tal-kompetenzi nazzjonali sabiex tiġi organizzata u tiġi ffinanzjata l-kura tas-saħħa, minn naħa, u l-kodifikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti kif rikonoxxuti mill-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa l-oħra.

Fir-rigward tad-*Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità*³¹, imsemmija fir-rapport tal-2008, il-leġiżlaturi għadhom ma waslux għal ftehim. Fl-2008, wara li kkonsultat lill-imsieħba soċjali Ewropej, il-Kummissjoni pproponiet li testendi d-dritt tal-liv tal-maternità minn 14 sa 18-il ġimgħa, fil-prinċipju b'salarju sħiħ. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament adottata f'Ottubru 2010 ssuġġeriet approċċ aktar ambizzjuż: li d-dritt minimu jsir għal liv tal-maternità ta' 20 ġimgħa mħallas kollu kemm huwa u li jkun hemm ukoll dritt għal ġimgħatejn liv tal-paternità. Konxji mill-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-maġġoranza kbira tal-Membri vvutaw favur '*klawsola passerelle*' li tagħti lill-gvernijiet nazzjonali d-dritt li jiddeċiedu huma kif jadottaw din il-politika fis-sistemi soċjali tagħhom. Madankollu, id-delegazzjonijiet fil-Kunsill rrakkomandaw approċċ aktar flessibbli. Huma qiesu wkoll li l-miżuri kienu jiswew ħafna fi żmien ta' awsterità ekonomika. Il-Presidenza Belġjana kitbet lill-imsieħba soċjali u talbet għall-opinjoni tagħhom.

4.2. Każijiet oħrajn fejn ġiet diskussa s-sussidjarjetà

Ħaddiema Staġjonali

Il-Kummissjoni ressqet proposta għal *Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġjonali*³² fi ħdan pakkett dwar il-migrazzjoni legali. S'issa din il-proposta kellha l-oġhla numru ta' opinjonijiet motivati

²⁶ COM(2009) 217. Minn hemm 'il quddiem, id-dettalji dwar diskussjonijiet interistituzzjonali jistgħu jinsabu fid-database tal-PreLex: <http://ec.europa.eu/prelex/apcnet.cfm>.

²⁷ COM(2006) 232.

²⁸ COM(2008) 426.

²⁹ COM(2008) 614.

³⁰ COM(2008) 414.

³¹ COM(2008) 637.

³² COM(2010) 379.

mill-Parlamenti nazzjonali³³ – b'kollox, disa' kmamar esprimew tħassib dwar is-sussidjarjetà³⁴. Huma sabu li din il-kwistjoni hija diġà suffiċjentament regolata fil-livell nazzjonali u li l-UE ma tistax tindirizza b'mod xieraq is-speċifiċitajiet nazzjonali. Barra minn hekk, peress li l-Istati Membri jibqa' jkollhom il-kontroll fuq il-volumi taċ-ċittadini minn pajjiżi terzi ammessi, il-proposta tista' ma tiksibx l-għan tagħha li tiġġestixxi l-flussi migratorji. Fl-istess ħin, disa' kmamar³⁵ ressqu opinjonijiet pożittivi, li fihom innotaw li l-proposta tgħin sabiex jiġi żgurat ħarsien, kriterji komuni ta' ammissjoni u kundizzjonijiet ta' residenza uniformi madwar l-UE kollha. Huma apprezzaw il-fatt li l-Istati Membri ngħataw id-dritt li jstabilixxu l-kwoti ta' ammissjoni.

Xi kmamar, kemm dawk li qajmu dubji dwar is-sussidjarjetà u dawk li ma qajmux, sabu li l-proposta kisret il-prinċipju ta' proporzjonalità minħabba li jista' jkollha impatt fuq is-sistemi nazzjonali ta' sigurtà soċjali. Abbażi ta' dawn ir-raġunijiet, żewġ kmamar³⁶ opponew b'mod formali din il-proposta.

Fit-tweġibiet tagħha³⁷, il-Kummissjoni enfasizzat li li l-ħolqien ta' qafas komuni tal-UE huwa neċessarju sabiex tiġi evitata distorsjoni tal-flussi migratorji u tad-dahljet irregolari, sabiex jiħarsu l-ħaddiema staġjonali minn pajjiżi terzi u jitwaqqaf id-dumping soċjali. Hija enfasizzat ukoll li l-proposta tinkludi dispożizzjonijiet li għandhom jippermettu lill-Istati Membri jaġġustaw l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tagħhom dwar is-suq tax-xogħol.

Il-Kumitat tar-Reġuni, fl-opinjoni tiegħu, innota l-opinjonijiet u l-argumenti tal-Parlamenti nazzjonali. Il-Kumitat madankollu kkonkluda li l-proposta hija kompatibbli mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li twaqqaf lis-sistemi nazzjonali milli jikkompetu bejniethom biex joffru l-anqas protezzjoni lill-ħaddiema staġjonali. L-eżami tal-proposta mil-leġiżlaturi għadu fi stadju bikri.

L-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti

F'Lulju 2010, il-Kummissjoni ressqet proposta sabiex issaħħaħ il-qafas tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti³⁸ fl-UE bħala riżultat tan-nuqqasijiet li nkixfu bil-kriżi finanzjarja.

Il-proposta rċeviet 11-il reazzjoni mill-Parlamenti nazzjonali. Minn dawn, ħamsa³⁹ qajmu tħassib espliċitu dwar is-sussidjarjetà; prinċipalment li d-Direttiva ma kinitx se tqis suffiċjentament il-karatteristiċi tas-sistemi nazzjonali jew li tista' tnaqqas il-livell ta' ħarsien attwali. Punt kontraversjali ieħor kien il-faċilità reċiproka proposta ta' teħid ta' self bejn l-iskemi, li tqieset bħala li ser iżżid potenzjalment il-periklu morali u taġixxi bħala diżinċentiv

³³ Minn issa 'l quddiem, id-dettalji dwar opinjonijiet tal-Parlamenti nazzjonali jistgħu jinsabu fid-database tal-IPEX:

http://www.ipex.eu/ipex/cms/home/Documents/dossier_COD20100210/lang/mt.

³⁴ Ara l-Anness għad-dettalji

³⁵ Is-Saeima tal-Latvja, is-Seimas tal-Litwanja, il-Bundesrat tal-Ġermanja, is-Senato u l-Camera dei Deputati tal-Italja, l-Eduskunta tal-Finlandja, l-Assembleia tal-Portugall u l-Congreso de los Diputados u s-Senado ta' Spanja.

³⁶ Is-Saeima tal-Latvja u s-Seimas tal-Litwanja.

³⁷ Minn issa 'l quddiem, id-dettalji dwar it-tweġibiet tal-Kummissjoni lill-Parlamenti nazzjonali jistgħu jinsabu fuq:

http://ec.europa.eu/dgs/secretariat_general/relations/relations_other/npa/index_mt.htm.

³⁸ COM(2010) 368 (riformulat).

³⁹ Ara l-Anness għad-dettalji

sabiex tiġi stabbilita kopertura nazzjonali xierqa. Fl-istess ħin, sitt ikmamar⁴⁰ ddikjaraw li l-proposta kienet skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li tgħin sabiex tingħeleb il-frammentazzjoni tar-regoli nazzjonali.

Fit-tweġibiet tagħha l-Kummissjoni nnotat li l-armonizzazzjoni tista' tgħin sabiex tiġi promossa l-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji. L-iskemi, li ma jiggerantux depożiti iżda li jħarsu b'mod reċiproku l-banek kontra nuqqas (l-iskemi ta' garanzija reċiproka), jistgħu jibqgħu jissodisfaw il-funzjoni tagħhom. Fir-rigward tal-faċilità ta' teħid ta' self reċiproku, il-Kummissjoni kkjarifikat li se tintuża biss bħala l-aħħar possibbiltà, li hija suġġetta għal salvagwardji sabiex jiġi evitat periklu morali u li, fl-aħħar mill-aħħar, għandha tnaqqas il-bżonn li jintużaw il-flus ta' min iħallas it-taxxa.

Bħalissa l-Parlament Ewropew u l-Kunsill qegħdin jiddiskutu din il-proposta.

Distribuzzjoni tal-Ikel lin-Nies l-Aktar fil-Bżonn

Fl-2008 l-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tal-programm għad-Distribuzzjoni tal-Ikel lin-nies fil-bżonn⁴¹, li ilu fis-seħħ mill-1987. Il-Parlament Ewropew wera' appoġġ għall-proposta u għamel bosta modifiki, li bosta minnhom kienu tekniċi. Fil-Kunsill, id-diskussjonijiet ma rnexxewx minħabba li minoranza li timblokka ta' Stati Membri argumentaw li din l-iskema mhijiex relatata mal-Politika Agrikola Komuni, minħabba li d-distribuzzjoni tal-ikel tagħmel parti mill-politiki dwar l-għajuna soċjali li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà nazzjonali.

Fl-2010 l-Kummissjoni adottat proposta emendata⁴², sabiex tadatta l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni tal-proposta tal-2008 għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona. Bosta Parlamenti nazzjonali ddikjaraw li l-proposta mhijiex skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Bl-istess mod bħal fid-diskussjonijiet tal-Kunsill, huma argumentaw li l-għanijiet kienu ċċaqalqu minn politika agrikola għal politika soċjali. Uħud mill-Parlamenti nazzjonali nnutaw ukoll li mal-proposta tal-2010 ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' sussidjarjetà.

Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni spjegat li l-iskop ta' din il-proposta huwa doppju. Filwaqt li ċertament tipprova tissodisfa l-għan tat-Trattat dwar is-sigurtà tal-ikel, hija għandha rwol primarju fil-ġestjoni ta' stokkijiet pubbliċi ta' intervent tal-prodotti agrikoli. Il-Kummissjoni enfasizzat li ġiet ipprovduta analiżi kompleta tas-sussidjarjetà fil-VI li kienet takkumpanja l-proposta tal-2008.

Kemm il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kkunsidraw il-proposta bħala aċċettabli. Bħalissa qiegħda tiġi diskussa mil-leġiżlaturi.

⁴⁰ L-Assembleia tal-Portugall, il-Camera dei Deputati u s-Senato tal-Italja, in-Nationalrat u l-Bundesrat tal-Awstrija u s-Senát tar-Repubblika Ċeka.

⁴¹ COM(2008) 563.

⁴² COM(2010) 486.

*Appoġġ għall-Iżvilupp Rurali mir-Regolament FAEŻR u
L-Istabiliment ta' regoli Komuni għal Skema ta' Appoġġ Dirett għall-Bdiewa*

L-għan ta' dawn il-proposti kien li s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 u r-Regolament (KE) Nru 73/2009 jiġu allineati mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona⁴³. Barra minn hekk il-Kummissjoni introduċiet xi elementi ta' simplifikazzjoni.

Skont bosta Parlamenti nazzjonali, l-argumenti dwar is-sussidjarjetà mogħtija fil-memoranda ta' spjegazzjoni ma kinux suffiċjenti. Uħud mill-kmamar ħasbu wkoll li d-dispożizzjonijiet il-ġodda dwar is-setgħat delegati u dawk ta' implimentazzjoni jistgħu jagħtu *de facto* setgħat addizzjonali lill-Kummissjoni. Fit-tweġibiet tagħha, il-Kummissjoni kkjarifikat il-prinċipji tad-dispożizzjonijiet ta' Lisbona dwar l-atti delegati u dawk ta' implimentazzjoni u spjegat kif dawn il-proposti jkopru biss adattamenti u simplifikazzjoni tekniċi. Għal dawn ir-raġunijiet, ma saret l-ebda analiżi eżawrijenti ġdida dwar il-kwistjoni tas-sussidjarjetà.

Il-Kummissjoni għandha bosta atti simili ta' allinjament ipplanati għall-2011. Sabiex takkomoda t-tħassib tal-Parlamenti nazzjonali, il-Kummissjoni se tagħmel l-aħjar li tista' sabiex issaħħa id-dikjarazzjonijiet ta' sussidjarjetà għal dawn il-proposti.

Il-Kultivazzjoni ta' Organiżmi Ġenetikament Modifikati (GMOs)

Dan il-pakkett, li jinkludi Komunikazzjoni, Rakkomandazzjoni u proposta għal Regolament⁴⁴, ġie adottat mill-Kummissjoni f'Lulju 2010. Il-pakkett huwa reazzjoni għat-talbiet ripetuti tal-Istati Membri sabiex deċiżjonijiet dwar il-kultivazzjoni ta' GMOs awtorizzati jkunu jistgħu jittieħdu f'livell nazzjonali, filwaqt li jżomm is-sistema tal-UE ta' awtorizzazzjoni, abbażi tal-evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u l-ambjent. Filwaqt li xi delegazzjonijiet fil-Kunsill laqgħu t-test, l-approċċ qiegħed jiġi kkritikat minn oħrajn, li jippreferu approċċ Ewropew ċentralizzat għal kollox, bosta drabi għal raġunijiet marbuta mill-qrib mas-sensittività tas-suġġett.

Żona Ferrovjarja Unika Ewropea

F'Settembru 2010 l-Kummissjoni pproponiet Direttiva li tistabilixxi 'Żona Ferrovjarja Unika Ewropea'⁴⁵ bl-iskop li jiġi rivitalizzat is-settur ferrovjarju. Ix-*Chambre des Députés* tal-Lussemburgu ppreżentat opinjoni motivata li fiha kkonkludiet li, filwaqt li normalment hemm ambitu għal azzjoni mill-UE, bosta dispożizzjonijiet konkreti qegħdin jiksru l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità.

F'Diċembru 2010 l-Kunsill kellu l-ewwel dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta, li enfasizza ċertu tħassib dwar is-sussidjarjetà. Wieħed mill-Isati Membri talab li jkun hemm prudenza dwar il-proposta li jiġu żviluppati u ppubblikati strateġiji multiannwali għall-infrastrutturi ferrovjarji nazzjonali, minħabba li qies li l-ippjanar fit-tul għall-infrastruttura hija kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali. Fir-rigward tat-tnaqqis temporanju tat-tariffi għall-aċċess għall-binarji għal ferroviji mġhamra bis-sistema Ewropea ta' kontroll tal-ferroviji,

⁴³ COM (2010) 537 u COM (2010) 539.

⁴⁴ COM (2010) 380 u COM (2010) 375.

⁴⁵ COM(2010) 475 (riformulat).

bosta delegazzjonijiet enfasizzaw li huma jridu jibqgħu jżommu d-dritt li jimponu tariffi ġodda jew li jżidu dawk eżistenti sabiex jikkumpensaw għal telf ta' dħul kkawżat minn tali tnaqqis.

Il-proposta għad trid tgħaddi mill-ewwel qari tagħha fil-Parlament Ewropew. Il-Kumitat tar-Regġuni, filwaqt li għadu ma tax l-opinjoni tiegħu dwar is-sussidjarjetà, indika li l-kwistjoni hija ta' tħassib kbir għall-awtoritajiet reġjonali u lokali⁴⁶.

Id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ

Fl-2008 l-Kummissjoni pproponiet li r-Regolament, li kellu l-għan li jiżgura l-kwalità tas-servizzi u tad-drittijiet tal-passiġġieri, għandu japplika għas-servizzi kollha tax-xarabank, inklużi dawk f'żoni reġjonali, urbani u suburbani⁴⁷. Din l-opinjoni ġiet kondiviża mill-Parlament Ewropew. Madankollu, maġġoranza kbira mill-Istati Membri fil-Kunsill insistew, fuq il-bażi tas-sussidjarjetà, fuq l-esklużjoni tas-servizzi reġjonali, urbani u suburbani mill-ambitu tar-Regolament. Fil-ftehim finali, li ġie konkluż fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni f'Novembru 2010, il-Parlament Ewropew fl-aħħar qabel li l-applikazzjoni tar-Regolament, inġenerali, tkun limitatata għal servizzi b'distanza ta' vvaġġar ta' aktar minn 250 kilometru. Min-naħa tiegħu, il-Kunsill qabel mal-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet għas-servizzi kollha.

Miżuri sabiex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà tal-provvista tal-gass

B'reazzjoni għall-kriżi tal-gass bejn ir-Russja u l-Ukraina f'Jannar 2009, il-Kummissjoni pproponiet⁴⁸ li l-leġiżlazzjoni eżistenti dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass tiġi riveduta sabiex titjeb l-azzjoni preventiva kif ukoll bħala reazzjoni għal interruzzjonijiet speċifiċi. Fil-prinċipju l-Kunsill laqa' l-proposta, għalkemm bosta delegazzjonijiet talbu għal aktar kjarifiki dwar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi tas-suq, l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Il-Kunsill insista wkoll li l-Istati Membri għandhom jibqgħu dawk li jiddeċiedu liema klijenti ta' prijorità għandhom l-ewwel servizz matul perjodu ta' nuqqas ta' gass. Eventwalment dawn il-punti għamlu parti mill-ftehim dwar l-ewwel qari tal-Parlament Ewropew f'Ottubru 2010.

5. KONKLUŻJONIJIET

Il-kunċetti ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità huma elementi fundamentali tal-proċess tal-iżvilupp ta' politiki tal-Istituzzjonijiet tal-UE. Il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà tal-Parlamenti nazzjonali, kif introdott mit-Trattat ta' Lisbona, għamel il-proċess aktar trasparenti u saħħaħ aktar id-diskussjonijiet.

Il-fatt li l-maġġoranza tal-proposti tal-Kummissjoni ma qajmu l-ebda tħassib dwar is-sussidjarjetà fost il-Parlamenti nazzjonali, u ġew adottati mil-leġiżlaturi mingħajr diskussjonijiet kbar dwar sussidjarjetà jindika li l-kontrolli ta' sussidjarjetà fi stadju bikri tal-proċess tal-iżvilupp ta' politiki huma normalment effettivi. Madankollu, f'numru limitat ta' każijiet, kien hemm dibattitu estensiv bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar kif għandha tiġi interpretata s-sussidjarjetà. Diskussjonijiet politiċi bir-reqqa għenu sabiex jinstab bilanċ xieraq bejn ir-responsabbiltajiet tal-UE u tal-Istati Membri.

⁴⁶ Opinjoni COR/2010/297.

⁴⁷ COM(2008) 817.

⁴⁸ COM(2009) 363

ANNEX

Lista tal-inizjattivi tal-Kummissjoni li dwarhom il-Parlamenti nazzjonali ressu opinjonijiet motivati fir-rigward tar-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà

| | Titlu | Kmamar nazzjonali li ressu opinjonijiet motivati ⁴⁹ |
|-----|---|---|
| 1. | Direttiva dwar il-Ħaddiema Staġjonali, COM(2010) 379 | In- <i>Nationalrat</i> u l- <i>Bundesrat</i> tal-Awstrija Is- <i>Senát</i> u l- <i>Poslanecká sněmovna</i> tar-Repubblika Ċeka L- <i>Eerste Kamer</i> u t- <i>Tweede Kamer</i> tal-Pajjiżi l-Baxxi Is- <i>Senat</i> tal-Polonja Il- <i>House of Commons</i> u l- <i>House of Lords</i> tar-Renju Unit |
| 2. | Direttiva dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti, COM(2010) 368 | Il- <i>Bundesrat</i> u l- <i>Bundestag</i> tal-Ġermanja Il- <i>Riksdag</i> tal-Isvezja Il- <i>Folketinget</i> tad-Danimarka Il- <i>House of Commons</i> tar-Renju Unit |
| 3. | Distribuzzjoni ta' Prodotti tal-Ikel għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn fl-Unjoni, COM(2010) 486 | Il- <i>House of Commons</i> tar-Renju Unit Is- <i>Sénat</i> ta' Franza Il- <i>Folketinget</i> tad-Danimarka Il- <i>Riksdag</i> tal-Isvezja L- <i>Eerste Kamer</i> u t- <i>Tweede Kamer</i> tal-Pajjiżi l-Baxxi |
| 4. | Appoġġ għall-Iżvilupp Rurali mir-Regolament FAEŻR, COM(2010) 537 | Is- <i>Sejm</i> u s- <i>Senat</i> tal-Polonja Is- <i>Sejm</i> tal-Litwanja Ix- <i>Chambre des Députés</i> tal-Lussemburgu |
| 5. | Direttiva dwar l-Iskema ta' Appoġġ Dirett għall-Bdiewa COM(2010) 539 | Is- <i>Sejm</i> u s- <i>Senat</i> tal-Polonja Is- <i>Seimastal</i> -Litwanja Ix- <i>Chambre des Députés</i> tal-Lussemburgu |
| 6. | Skemi ta' Kumpens għall-Investitur, COM(2010)371 | Il- <i>Riksdag</i> tal-Isvezja Il- <i>House of Commons</i> tar-Renju Unit |
| 7. | Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, COM(2010) 76 | Is- <i>Sénat</i> ta' Franza |
| 8. | Regolament dwar il-Frontex COM(2010) 61 | Is- <i>Senat</i> tal-Polonja |
| 9. | Traduzzjoni u Interpretazzjoni fi Proċedimenti Kriminali, COM(2010) 82 | Il- <i>Bundesrat</i> tal-Awstrija |
| 10. | Importazzjoni ta' prodotti tas-Sajd mill-Groenlandja lejn l-UE, COM(2010) 176 | Is- <i>Senato della Repubblica</i> tal-Italja |
| 11. | Programm tal-Politika tal-Ispettru tar-Radju, COM(2010) 471 | Is- <i>Sénat</i> ta' Franza |
| 12. | Żona Ferrovarja Unika Ewropea, COM(2010)475 | Ix- <i>Chambre des Députés</i> tal-Lussemburgu |

⁴⁹ Dawn jinkludu erba' opinjonijiet li waslu wara l-iskadenza ta' 8 ġimgħat jew li ma ġewx adottati mill-kmamar rispettivi skont ir-regoli interni tagħhom.

